MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 981/2002

**Dr. Reuben Balzan LL.D bhala prokuratur ta' Evonne Krpo u Adnan Krpo.**

**-vs-**

**Frances Borg u Adel Abwain.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fit-30 ta' Awissu, 2002 li permezz tagħha l-attur nomine ppremetta:

Illi l-atturi Evonne Krpo u Adnan Krpo jinsabu kredituri tal-konvenut fis-somma ta' ħamest elef u ħames mitt Liri Maltin (Lm5,500), import ta' kambjali minnhom aċċettati u ffirmati;

kopji ta’ liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti “1” sa “25”;

Illi dawn il-kambjali skadew iżda baqgħu ma tħallsux nonostante illi l-konvenuti ġew interpellati sabiex iħallsu.

Għalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex;

1. Tikkundannahom li jħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ ħamest elef u ħames mitt Liri Maltin (Lm5,500), import ta’ kambjali minnhom aċċettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqgħu ma tħallsux.

Bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kollha inklużi tal-ittra uffiċjali, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine maħlufa minn Dr. Reuben Balzan, I.D. 182869(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fl-14 ta’ Novembru, 2002 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-ammont reklamat m’huwiex dovut stante illi l-kambjali ġew iffirmati riżultat ta’ theddid, pressjoni, qerq u ingann u għalhekk huma nulli u bla effett;

2. Illi qegħda tiġi intavolata kontro-talba f’dan ir-rigward sabiex tiġi attakkata l-validita’ ta’ dawn il-kambjali;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti Frances Borg u Adel Abwain li permezz tagħha esponew bir-rispett:

Illi l-partijiet kienu ħbieb kif ukoll kuġini u Evonne Krpo hija kuġina ma' Frances Borg.

Illi meta Evonne Krpo ġiet Malta mill-Awstralja qagħdet mal-familja ta' Frances Borg u stmawha bħala familja;

Illi l-partijiet bdew negozju flimkien u dan sabiex l-istess Evonne Krpo tkun tista' toqgħod Malta;

Illi Frances Borg ottjeniet self mill-bank sabiex tikkontribwixxi sehemha fin-negozju waqt li Evonne Krpo investiet ħamest elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm5,500);

Illi meta n-negozju beda sejjer ħażin l-istess Evonne Krpo bdiet tinsisti illi tieħu lura l-flus li nvestiet u peress li ltaqgħet ma' raġel li wara żżewġitu u riedet tmur lura l-Awstralja;

Illi wara diversi theddid, pressjoni inġusta da parte ta' Evonne Krpo u Adnan Krpo, Frances Borg u Adel Abwain kellhom bil-fors jiffirmaw dawn il-kambjali;

Illi hekk kif ġew iffirmati dawn il-kambjali l-istess Evonne u Adnan telqu lejn l-Awstralja wara li żżewġu Malta u lanqas ħallsu l-kont tat-tieġ.

Għaldaqstant jgħidu Dr. Rueben Balzan bħala prokuratur ta' Evonne Krpo u Adnan Krpo għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi dawn il-kambjali huma nulli u bla effett minħabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija fosthom theddid, qerq, ingann u pressjoni inġusta.

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenuti Frances Borg u Adel Abwain għall-Kontro-Talba tal-attur Dr. Rueben Balzan nomine u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attur nomine għall-kontro-talba tal-konvenut, ippreżentata fis-16 ta' Diċembru, 2002, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, l-eċċezzjoni u l-kontro-talba magħmula mill-konvenuti jinħtieġu eżami fit-tul u għalhekk ma jistgħux jiġu deċiżi f'din il-proċedura iżda għandhom isiru f'kawża għalihom kif stabbilit fl-artikolu 198(2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

2. Illi fit-tieni lok, u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-eċċipjent nomine qed jiċħad l-allegazzjonijiet magħmula mill-konvenuti illi l-kambjali ġew iffirmati riżultat ta' theddid, pressjoni, qerq u ingann u li l-istess kambjali huma nulli;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-Avukat Rueben Balzan bħala prokuratur ta' Evonne Krpo u Adnan Krpo maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2004.

Rat is-sentenza dwar it-talba attriċi mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta' April, 2005.

Rat l-atti proċesswali kollha kompriż il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru, 2006 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet ghas-sentenza dwar il-kontro-talba tal-konvenuti.

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni attriċi hija azzjoni kambjarja u għalhekk regolata mill-Artiklu 223 *et sequitur* tal-Kodiċi tal-Kummerċ. L-unika

eċċezzjoni li ressqu l-konvenuti hija marbuta mal-kontro-talba tagħhom u cioe' li l-firma tagħhom fuq il-kambjali in kwistjoni ġiet ottenuta b'*theddid, pressjoni, qerq u ingann.* Il-Qorti gia' iddeċidiet fis-sentenza parzjali fuq imsemmija li l-kontro-talba tal-konvenuti ma għandhiex twaqqaf l-azzjoni kambjarja attriċi ai termini ta' l-Artiklu 198 (2) ta' l-istess Kodiċi tal-Kummerċ. Eventwalment il-Qorti laqgħet ukoll it-talbiet attriċi u issa trid tiddeċiedi dwar il-kontro-talba.

Il-konvenuti qed jallegaw li ġew kostretti jiffirmaw il-kambjali minħabba pressjoni, qerq u ngann da parti tal-atturi u għalhekk qed jikkontestaw il-validita' tal-kambjali. L-atturi jiċħdu li kkomettew xi theddid, pressjoni jew qerq fuq il-konvenuti.

Il-Qorti semgħet lill-konvenuta, lil ommha u lil oħtha kif ukoll lill-atturi u ma tħossx li b'xi mod il-konvenuti ikkonvinċewha mill-veraċita' ta' l-allegazzjonijiet tagħhom. Anzi tħoss li l-verżjoni tagħhom hija inverosimili għall-aħħar. Fil-waqt li jirriżulta li l-konvenuta kienet waslet biex twelled tarbija fiż-żmien li ffirmat il-kambjali, dan ma jfissirx li b'daqshekk ġiet kostretta tiffirma.

Il-partijiet kienu jikru ħanut tal-ħwejjeġ flimkien u fil-bidu l-attriċi ħarġet ħamest elef Lira Maltin (Lm5,000) u l-konvenuta erbat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm4,500). L-attriċi kienet toqgħod fil-ħanut u tieħu paga iżda meta żżewġet lill-attur riedet issiefer miegħu u għalhekk marru għand l-Avukat Rueben Balzan li ssuġġerixxa li jiġu ffirmati l-kambjali fis-sens li l-attriċi tieħu flusha lura billi l-konvenuta ma kellhiex flus f'idejha x'tagħtiha. Meta ġara dan allura l-attriċi ħarġet għal kollox minn negozju. Jista' jkun, anzi hu probabbli, li eventwalment il-konvenuta spiċċat li marret ħażin permezz ta' dan l-arranġament iżda żgur li ma tista' twaħħal f'ħadd ħlief fiha innifisha u ma tistax issa toħroġ b'din il-verżjoni ta' theddid u minaċċji addirittura ta' mewt. Wieħed kien jistenna li kieku dan kien il-każ, li hija tagħmel xi rapport lill-pulizija u tipproduċih bħala prova, iżda minn dan ma għamlet xejn.

Il-Qorti, kif preseduta, kellha ukoll opportunita' li tisma' x-xhieda kollha u tħoss li l-atturi kienu aktar konvinċenti mix-xhieda kollha tal-konvenuti u l-familjari tagħhom u ċertament ma hijiex se timpressjona ruħha b'ċerti xenaġġati li saru da parti tal-konvenuta. Oltre dan l-istess Dr. Balzan li kien presenti meta ġew iffirmati l-kambjali ma irriskontra ebda problema jew xi sitwazzjoni li tista' twassal lill-Qorti biex temmen lill-konvenuta.

**Għalaqstant il-Qorti tilqa l-eċċezzjonijiet ta' l-atturi u tiċħad il-kontro-talba tal-konvenuti.**

**Spejjeż ta' din l-istanza a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------